# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Frar 2017**

**Kawza Numru : 10**
**Rikors Guramentat Numru : 947/2016/LSO**

**Saveway Limited (C5172)**

**vs**

**Carmelo Dimech (97059M) u Josephine Dimech (379262M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Saveway Limited (C5172) datat 21 ta’ Ottubru 2016 fejn bil-gurament tieghu John Tanti (1021544M) ikkonferma li jaf personalment: -

Illi in forza ta' konvenju datata 26 ta' Frar 1997, l-esponenti ppromettiet illi tittrasferixxi u tbiegh favur l-intimati, li min-naha taghhom ippromettew li jakkwistaw u jixtru l-*garage,* f’ Bugibba, minghajr l-arja tieghu, u minghajr is-sottoswol, bla isem u bla numru pero' markat mhux ufficjalment bin-numru erbgha u ghoxrin (24), sitwat fi *drive-in* komuni ma' *garages* ohra, li tisbokka fi Triq it-Turisti u ggib l-isem "Violet Drive", flimkien ma' sehem indiviz *pro rata* tal-istess *drive-in,* kollox kif ahjar deskritt fl-imsemmi konvenju anness u markat Dokument "A";

Illi mal-konvenju, l-esponenti ghaddiet ic-cwievet tal-garaxx lill-intimati b'mera tolleranza u minghajr ebda titolu fil-ligi, b'dana illi l-pussess vakanti kellu jinghata mal-kuntratt finali.

Illi l-imsemmi konvenju skada fit-30 ta' April 1997 u hadd mill-partijiet ma ghamel il-proceduri kontemplati fil-ligi sabiex jinforza l-konvenju u sabiex igieghel lill-parti l-ohra tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali.

Illi *in vista* tal-premess l-esponenti talbet lill-intimati jirritornawlha c-cwievet u l-pussess tal-garaxx battal, izda minkejja li gew interpellati diversi drabi, inkluz b'ittra legali datata 2 ta' Dicembru 2013, l-intimati baqghu inadempjenti

u sal-lum, ghadhom qed jokkupaw il-garaxx hawn fuq imsemmi minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Illi jirrikorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi safejn taf l-esponenti, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talbiet taghha.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi skont it-talbiet bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *a tenur* tal-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Konsegwentement, tordna lill-intimati sabiex jizgombraw u jirrilaxxaw battal favur l-esponenti l-*garage,* f' Bugibba, minghajr l-arja tieghu u minghajr is-sottoswol, bla isem u bla numru pero' markat mhux ufficjalment bin-numru erbgha u ghoxrin (24), sitwat fi *drive-in* komuni ma' *garages* ohra, li tisbokka fi Triq it-Turisti u ggib l-isem "Violet Drive", flimkien ma' sehem indiviz *pro rata* tal-istess *drive-in*, kollox kif ahjar deskritt fl-imsemmi konvenju tas-26 ta' Frar 1997 u jirritornaw ic-cwievet kollha tal-imsemmi garaxx battal lill-esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, ingunti minn issa ghas-subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti skont il-ligi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta’ Novembru 2016.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tat-2 ta’ Frar 2017 meta issejhet il-kawza deher Dr Alessandro Lia ghas-socjeta` attrici rapprezentatat minn John Tanti fl-Awla. Il-kawza giet differita ghad-9 ta’ Frar 2017 peress li ghadu ghaddej it-terminu ghall-prezentata tar-risposta guramentata tal-intimati.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-9 ta’ Frar 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher ir-rikorrent debitament assistit minn Dr Alessandro Lia u Dr Pawlu Lia. Billi rrizulta li l-konvenuti huma debitament notifikati, din il-Qorti wara li rat l-atti, rat li l-konvenuti ma dehrux biex iressqu kontestazzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti, ser tghaddi biex tiddeciedi t-talba.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-rikors guramentat u l-affidavit anness; u skont kif rilevat fil-verbal tas-seduta tal-lum, tqis li t-talba hija gustifikata, wara li rat l-Art 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tilqa' t-talbiet u ghal fini tat-tieni (2) talba, tipprefiggi terminu perentorju ta' xahar mil-lum u tordna lill-intimati biex jizgombraw u jirrillaxxaw battal favur l-attur f'dan it-terminu, il-*garage* f'Bugibba,

minghajr l-arja tieghu u minghajr is-sottoswol, bla isem u bla numru pero` markat mhux ufficjalment bin-numru erbgha u ghoxrin (24), sitwat fi *drive-in* komuni ma' *garages* ohra, li tisbokka fi Triq it-Turisti u ggib l-isem "Violet Drive", flimkien ma' sehem indiviz *pro rata* tal-istess *drive-in*, u fl-istess terminu jirritornaw ic-cwievet kollha lir-rikorrent.

L-ispejjez jigu sopportati mill-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**9 ta' Frar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**9 ta' Frar 2017**